MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Numru 1067/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. Borg)**

**vs**

**Joan Carabott**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joan Carabott ta’ 46 sena, bint il-mejjet Alfred Grima u Antonia nee’ Armeni, imwielda il-Pieta’ fit-8 ta’ Lulju, 1960 u toqghod fil-font: Flt. Nru. 8, Blokk 3, Triq il-Gnien, Santa Lucia u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru: 0477660(M) giet akkuzata:

A) Talli nhar il-21 ta' Settembru, 2006, ghal habta tad-9.15 ta' filghaxija, filwaqt li kienet fir-residenza taghha fil-font: Flt. Nru. 8, Blokk 3, Triq il-Gnien, gewwa Santa Lucia, bi vjolenza u b'theddid gieghlet lill-kuntistabbli tal-Pulizija 480 Carmel Diacono, bhala ufficcjal Pubbliku, li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mall-kariga tieghu u dana bi ksur ta' l-artiklu 91 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fir-residenza taghha fil-font: Flt. Nru. 8, Blokk 3, Triq il-Gnien, gewwa Santa Lucia, attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l-persuna tal-kuntistabbli tal-Pulizija 480 Carmel Diacono, bhala persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienet qet tagixxi fl-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-Awtorita' kompetenti u dana bi ksur ta' l-artiklu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

C) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fir-residenza taghha fil-font: Flt. Nru. 8, Blokk 3, Triq il-Gnien, gewwa Santa Lucia, ingurjat, jew heddedt, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' l-istess kuntistabbli tal-Pulizija 480 Carmel Diacono, bhala persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew tinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dana bi ksur ta' l-artiklu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

D) U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fir-residenza taghha fil-font: Flt. Nru. 8, Blokk 3, Triq il-Gnien, gewwa Santa Lucia, ikkawzat griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-kuntistabbli tal-Pulizija 480 Carmel Diacono, kif iccertifikat minn Dr. Mark Leonard Grech M.D. (Warrant Mediku Nru. 2905), it-tabib tac-Centru tas-sahha ta' Rahal Gdid u dana bi ksur ta' l-art. 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

E) Ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdietx l-ordnijiet Legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li

jkun inkarigat minn servizz Pubbliku, jew ma hallietx jew fixklet waqt li l-Pulizija kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu u dana bi ksur ta' l-artiklu 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F) Ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebbet kontra l-persuna ta' bintha Vanessa Carabott sabiex tingurjaha jew taghmel hsara lill-istess u dana bi ksur ta' l-artiklu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

G) Ukoll talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, wara li giet ipprovokata, ingurjat lil bintha Vanessa Carabott, b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dana bi ksur ta' l-artiklu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

H) Ukoll talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, stidnet ghall-glied lill-kuntistabbli tal-Pulizija 480 Carmel Diacono.

I) Talli fl-istess data, hin u lok, ingurjat u heddedt lill-kuntistabbli tal-Pulizija 480 Carmel Diacono bil-kliem: 'Pufta'; 'Inxoqqok' u 'li kont ser tnezzalu l-uniformi ghax kont sejra tghid b'kollox lill-Ministru Tonio Borg' u dana bi ksur ta' l-artiklu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

J) Ukoll talli fl-istess cirkostanzi, fl-inhawi ta' Santa Lucia, volontarjament kisret il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b'ghajjat u glied u dana bi ksur tal-artiklu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

K) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kienet fir-residenza taghha fil-font: Flt. Nru. 8, Blokk 3, Triq il-Gnien, gewwa Santa Lucia, qalet kliem oxxen, indecenti u dagha bi ksur tal-artiklu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali ppresentat bhala Dok JBP2 u nnutat li l-imputata, wara li nghatat zmien xieraq

biex twiegeb, iddikjarat li m'ghandhix oggezzjoni li l-kaz taghha jkun trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li jiddispjaciha dwar l-akkadut u fil-presenza tal-parte civile PC 480 Carmel Diacono skuzat ruhha dwar l-akkadut.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li wara l-incident l-imputata kkoperat bis-shih mal-Pulizija u ddikjara li dan l-incident beda fuq problemi familjari.  Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li fil-perjodu tal-incident l-imputata kienet ghaddejja minn inkwiet familjari u li nkwantu ghall-ferita sofferta mill-parte civile, din il-ferita kienet wahda minima hafna u ta' bla konsegwenzi.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 91, 96, 95, 221, 338(ee), 339(1)(d), 339(1)(e), 339(1)(a), 338(dd), 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Joan Carabott, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputata, il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputata ddikjarat li jiddispjaciha dwar l-akkadut u fil-presenza tal-parte civile PC 480 Carmel Diacono skuzat ruhha dwar l-akkadut u li fil-Verbal tas-Sedutat tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li wara l-incident l-imputata kkoperat bis-shih mal-Pulizija, li dan l-incident beda fuq problemi familjari, li hu

konsapevoli li fil-perjodu tal-incident l-imputata kienet ghaddejja minn inkwiet familjari u li nkwantu ghall-ferita sofferta mill-parte civile, din il-ferita kienet wahda minima hafna u ta' bla konsegwenzi, tillibera lill-istess imputata Joan Carabott taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmija imputata Joan Carabott ghall-piena ta' sebghin Liri Maltin (Lm70) multa.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputata Joan Carabott b'obbligazzjoni personali ta' mitt Liri Maltin (Lm100) li zzomm il-kwiet ma' PC 480 Carmel Diacono u li zzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Joan Carabott l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------